

Brussell, 6 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5092/22

SOC 8
EMPL 7
EDUC 5

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali Fatra tas-Sa Sandra MISO GUAJARDO, membru supplenti għall-Spanja, minflok is-Sa Miriam PINTO, li rriżenjat

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Miriam PINTO, bħala membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru msemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem (għal Spanja).
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 337/75, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, l-organizzazzjoni ta' min iħaddem BusinessEurope nnominat lill-kandidata li ġejja għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023:

Is-Sa Sandra MISO Guajardo
CEO
Departamento de Educación y Formación
C/Diego de Leon 50
SP - 28006 Madrid
Tel: + 34 915663434
email: smiso@ceoe.es

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:

- (a) jadotta bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill meħmuża li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali, u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti tal-

Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali

II-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 337/75¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,
Billi:

- (1) Fid-Deċiżjonijiet tiegħu tad-9 ta' April 2019², tat-8 ta' Lulju 2019³, tas-16 ta' Settembru 2019⁴ u tat-8 ta' Novembru 2019⁵, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-perijodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2023.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Miriam PINTO sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem.
- (3) L-organizzazzjoni ta' min iħaddem BusinessEurope nnominat kandidata għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90.
² ĠU C 136, 12.4.2019, p. 6.
³ ĠU C 232, 10.7.2019, p. 5.
⁴ ĠU C 316, 20.9.2019, p. 3.
⁵ ĠU C 385, 13.11.2019, p. 6.

Artikolu 1

Is-Sa Sandra MISO GUAJARDO hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija ta' Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali minflok is-Sa Miriam PINTO, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President

=====